# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 71/08/1 AF**

**Bernardette mart Vincent Gatt, minnu Legalment separata, u Christine mart Albert Scerri**

**v.**

**Alessandro sive Sandro Cassano u ghal kull interess li jista´ jkollu Martin Cassano**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat tal-atturi Bernardette Gatt u Christine Scerri, datat 25 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu nghad:

> *"Dikjarazzjoni*
>
> *"1. Illi fit-12 ta' Settembru 2004 miet Alfred Cassano (Dok. A) missier il-kontendenti kollha.*

*“2. Illi skond l-ahhar testment tieghu hawn ezebit bhala Dokument B, cioè dak datat 26 ta’ Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, l-imsemmi Alfred Cassano halla b’titolu ta’ prelegat in piena u assoluta propjeta lil konvenut Alessandro Cassano bis-sostituzzjoni volgari ta’ uliedu kwalunkwe sehem li huwa kien jippossjedi f’jum mewtu, anke jekk dana jkun l-intier, mid-dar numri wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) f’St. Julians Street, Birkirkara, bl-obbligu li l-istess prelegatarju, fi zmien hames snin minn mewt it-testatur, ihallas lil kull wiehed u wahda mit-tlett hutu (cioe l-atturi odjerni u l-konvenut Martin Cassano) is-somma ta’ sbatax il-elf lira (Lm17,000) {cioe illum disa’ u tletin elf hames mija disgha u disghin euro u hamsa u tletin centesmi [€39,599.35])} ghal darba wahda; liema somma it-testatur halliha b’titolu ta’ prelegat in pjena propjeta lil kull wiehed u wahda mill-imsemmija tlett ahwa – vide it-Tieni Artikolu tat-testment precitat.*

*“3. Illi skond it-Tielet Artikolu tal-istess testment, missier il-kontendenti nnomina u stitwixxa b’eredi tieghu universali lill-erba’ kontendenti wliedu fi kwoti ugwali bejniethom.*

*“4. Illi l-imsemmi Alfred Cassano (missier il-kontendenti), ghalkemm kien separat legalment minn ma martu Violet Cassano in forza tas-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Marzu 1975 (Dokument C), dik is-sentenza qatt ma tterminat u/jew likwidat il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u martu u tali stat ta’ fatt baqa’ jissussisti sa mewtu.*

*“5. Illi ghalhekk l-assi kollha tal-komunjoni nkluza d-dar fuq imsemmija, baqghu jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Alfred u Violet konjugi Cassano b’konsegwenza li fid-data tal-mewt ta’ Alfred Cassano, huwa kien jippossjedi biss nofs indiviz tad-dar imsemmija fit-tieni paragrafu ta’ dan ir-rikors guramentat.*

*“6. Illi originarjament l-imsemmija dar numru wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) f’St. Julians Street, Birkirkara, kienet testendi sa Misrah it-Tigieg, Birkirkara, izda l-imsemmi Alfred Cassano kien, wara s-separazzjoni minn ma martu u snin twal qabel l-ahhar testment tieghu, qasam fizikament bil-hadid l-imsemmija dar u mar jirrisjedi fuq il-parti ta’ wara li tigi fuq Misrah it-Tigieg fejn baqa jghix hemm sa mewtu u sahansitra anke gie registrat residenti hemm fuq il-karta tal-identita tieghu (Dokument D).*

*“7. Illi bhala stat ta’ fatt ghalhekk, minn snin qabel l-ahhar testment ta’ Alfred Cassano, dan ta’ l-ahhar kien qed jghix wahdu fil-propjeta ‘Romeo’, Misrah it-Tigieg, Birkirkara – liema propjeta kienet testendi sad-divizjorju bil-hadid li jidhru fl-annessi ritratti Dokumenti E u F – filwaqt li martu baqghet tghix flimkien mal-konvenut Alessandro Cassano fil-bqija tad-dar li baqghet izzomm l-indirizz wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82), St. Julians Street, Birkirkara.*

*"8. Illi peress illi l-konvenut Alessandro Cassano baqa jghix ma mart it-testatur fil-parti tad-dar imsemmija fil-paragrafu precedenti, huwa car u ovvju li l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lill-imsemmi konvenut kien jirreferi biss ghal din il-parti tal-propjeta u mhux ghal propjeta li, fiz-zmien li sar l-ahhar testment minn Alfred Cassano, kienet gja bl-indirizz ufficjali "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara, fejn it-testatur kien qed jghix wahdu.*

*"9. Illi minkejja dan, il-konvenut Alessandro Cassano vvanta mal-atturi li l-prelegat lilu mholli bit-testment precitat jikkomprendi anke il-fond fizikament diviz kif fuq deskritt u li ghandu l-indirizz "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara, u bi protest gudizzjarju datat 14 ta' Dicembru 2007 (Dokument G) zamm lill-atturi responsabbli jekk ifixkluh milli jiddisponi miz-zewg fondi fuq imsemmija ghaliex huwa qieghed jallega li l-prelegat lilu mholli fit-testment fuq citat ghandu jigi nterpretat fis-sens li d-dar numru wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) f'St. Julians Street, Birkirkara, tikkomprendi l-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara, u dan nonostante li l-istess konvenut kien jirrisjedi biss ma ommu fil-parti diviza li llum hija maghrufa bl-indirizz wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82) St. Julians Street, Birkirkara, u qatt ma ghex jew kellu x'jaqsam mal-fond "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara, fejn kien jghix wahdu missieru.*

*"<u>Raguni tat-Talba</u>*

*"Peress illi in vista tal-fatti fuq dikjarati, l-atturi jehtiegu pronunzjament gudizzjarju dwar l-interpretazzjoni ta' l-ahhar testament maghmul minn Alfred Cassano fis-26 t'Awwissu, 2003, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel riferibbilment ghal prelegat imholli lil konvenut Alessandro Cassano permezz tat-Tieni Artikolu tal-istess testament.*

*"<u>Talbiet</u>*

*"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*
*1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lil konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta' Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara kif fizikament diviz mill-istess Alfred Cassano.*

*"2. Konsegwentement tiddikjara u tikkonferma li l-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testment, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejna u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta guramentata ta' Martin Cassano tat-12 ta' Frar, 2008, li permezz taghha gie eccepit:

> *"1. Illi ghal fini ta´ integrita ta´ giudizzju huwa necessarju u opportun li tigi kjamata fil-kawza omm il-kontendenti Violet armla minn Alfred Cassano (KI 633030(M).*
>
> *2. Illi l-intimat jaqbel mar-rikorrenti fis-sens li kontrattwalment ma saret l-ebda qasma bejn Alfred u Violet konjugi Cassano, genituri tal-kontendenti.*
>
> *3. Illi l-intimat jirrimetti ruhu ghall kull decizjoni ta´ din L-Onorabbli Qorti.*
>
> *4. Illi l-intimat ma ghandu ibati l-ebda spejjes ta´ dawn il-proceduri."*

3. Rat ir-risposta guramentata ta' Alessandro sive Sandro Cassano, tal-15 ta' Frar, 2008, li permezz taghha gie eccepit ukoll:

> *"1. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux integru u ghalhekk tenhtieg il-kjamata fil-kawza ta' Violet Cassano, omm il-kontendenti u dan ghaliex hija ghandha interess indiviz fil-proprjetà milquta mill-prelegat "de quo"; kienet fil-fatt fit-termini tad-divizjoni li saret in Atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fis-27 ta' Frar 1996, kopja esebita Dok. "A" u bir-riserva li tigi esebita kopja awtentikata, din akkwistat "nofs indiviz tad-dar Birkirkara, St. Julian's Street, numri wiehed u tmenin (81) u tnejn u tmenin (82)....". La darba l-porzjoni hija indiviza, ghandha interess essenzjali li tkun prezenti fil-kawza fis-sens illi kwalunkwe pronunzjament gudizzjarju ghandu jaghmel stat fil-konfront taghha.*
>
> *"2. Illi l-esponenti jaqbel illi l-ahhar testment ta' Alfred Cassano kien dak ippubblikat fis-26 ta' Awwissu 2003 fl-Atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel; illi l-esponent ma jaqbilx illi d-dar 81 u 82, St. Julian's Street, Birkirkara kienet biss originarjament testendi sa "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara, izda kienet tinkludiha: dejjem kienu u baqghu unità wahda u amministrata minn Alfred Cassano uti bonus paterfamilias bhala entità wahda u li kien jinkludi "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara; dan huwa rifless fil-gudizzju ta' separazzjoni, fil-kuntratt ta' assenjazzjoni lil Violet Cassano, fl-artikolu tal-prelegat fit-testment; dan kien ukoll dejjem l-intendiment komuni fil-familja.*
>
> *"3. Illi l-posizzjoni tal-esponenti hija cara fis-sens illi l-prelegat "de quo" jikkomprendi z-zewg fondi fis-sens li d-dar numru wiehed u tmenin*

*u tnejn u tmenin (81 u 82) f'St. Julian's Street, Birkirkara sal-fond u jinkludi "Romeo", f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara; dan johrog fis-sens lingwistiku, guridiku u ta' interpetazzjoni u ermenewtika tal-artikolu tat-testment "de quo" u mill-intenzjoni cara tat-testatur skond ir-regoli ta' interpretazzjoni; dan johrog ukoll mill-ubicazzjoni tal-proprjetà u n-natura taghha kif ukoll mir-regoli tad-Dritt tal-Proprjetà.*

*"Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*"Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Ligi inkluzi dik illi f'gudizzju integru jigu istitwiti l-opportuni proceduri ghal dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-prelegat "de quo" jinkludi anke "Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara."*

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

*"…taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Alessandro Cassano, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-prelegat imholli minn Alfred Cassano lil konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 ta' Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel ma jikkomprendix il-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara kif fizikament diviz mill-istess Alfred Cassano.*

*"Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-fond "Romeo" f'Misrah it-Tigieg, Birkirkara, iddevolva, skond il-precitat testment, lill-atturi u l-konvenuti kollha fis-sehem ta' kwart (1/4) indiviz tan-nofs (1/2) indiviz (peress li n-nofs indiviz l-iehor ghadu jappartjeni lil Violet Cassano bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejna u zewgha Alfred Cassano) kull wiehed u wahda mill-kontendenti.*

*"L-ispejjez jithallsu minn Alessandro Cassano."*

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti ahwa Cassano qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li proprjetà mhollija minn missierhom lil huhom ma kienitx testendi sa' proprjetà sitwata wara l-istess proprjetà, u konsegwentement li huma ghadhom komproprjetarji tal-istess parti tal-proprjetà li tigi wara dik imhollija lil huhom.*

*"L-ewwel eccezzjoni tal-intimat kienet effettivament talba sabiex tissejjah fil-kawza omm il-partijiet Violet Cassano. Madanakollu, jirrizulta li permezz ta' nota (registrata in atti a fol. 56) l-istess intimat irrinunzja ghal din it-talba. L-eccezzjonijiet l-ohra tieghu jirrigwardaw il-mertu.*

*"Mill-provi prodotti jirrizulta illi missier il-kontendenti Alfred Cassano kien jinnegozja fil-bini. Fl-1975, hu ssepara legalment minn ma' martu, omm il-kontendenti, li baqghet tghix ma wliedha fil-fond 81/82, Birkirkara Road, St. Julians. Il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom giet itterminata fl-1996 però d-dar li fiha kienet tghix l-omm ma' wliedha baqghet in komuni. Jirrizulta li d-dar kienet testendi ghal sqaq ta' wara l-proprjetà. Il-gnien estensiv kien mifrud mid-dar permezz ta' recint tal-hadid u fil-parti li tmiss mal-isqaq kienu jezistu xi kmamar. Meta l-ahwa l-kbar izzewgu il-konvenut baqa' jghix fid-dar ma' ommu wkoll meta kien izzewweg u kellu l-ulied huwa stess. F'xi zmien il-missier rega' mar jghix San Giljan u ghal dan il-ghan bena ambjenti kbar fuq in-naha ta' wara tal-proprjetà u mar jghix fihom. Dawn il-kmamar semmihom "Romeo" u mar jghix fihom permanentement. Sahansitra irregistra l-karta tal-identità tieghu fuq dan l-indirizz. Baqa' jezisti kancell bejn iz-zewg partijiet tal-proprjetà u l-familja kollha kellha access liberu bejn iz-zewg nahat. Permezz tat-testment tieghu, missier il-kontendenti halla b'titolu ta' prelagat lill-intimat sehemu mid-dar 81 u 82, St. Julian's Street, B'Kara bl-obbligu li dan jikkompensa lil kull wiehed u wahda minn hutu l-ammont ta' Lm17,000 kull wiehed ghal darba wahda.*

*"Il-vertenza essenzjalment tikkristalizza ruhu fil-kuntest tal-volontà tal-missier kif espressa fit-testment u cioè jekk il-missier riedx ihalli lil ibnu sehemu mill-proprjetà kollha jew biss mid-dar principali u b'hekk eskluza dik il-parti tal-proprjetà li taghti ghall-fuq l-isqaq.*

*"Il-Qorti kkunsidrat illi l-Art. 683 tal-Kap. 169 jipprovdi illi:*

> "*Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taħt l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taħt l-isem ta' legat, kemm ukoll taħt kull isem ieħor, għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa, u ma tkunx kuntrarja għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.*"

*"L-insenjament ta' dawn il-Qrati f'materja ta' interpretazzjoni ta' testmenti in generali jinkludi s-segwenti:*

> "*a) Huwa principju assolut kif imfisser mir-Ricci u fuq l-awtorità ta' bosta sentenzi illi "ciò che interessa di stabilire quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anziche attinersi strettamente alle parole usate dal disponente, può risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione." (Vol. XXIX p.I.p.394).*

*“b) Billi hu kompitu tal-gudikant li jinterpreta t-testmenti (Vol.XXXVIII p.II p.599), sabiex jinterpreta tajjeb disposizzjoni testamentarja, huwa jehtieglu jippenetra l-intenzjoni legittima tat-testatur li hi l-ligi li tirregolaha. (Vol.XVL p.I p.661).*

*“c) Fl-interpretazzjoni ghandu jittiehed rigward pjuttost ghall-volontà tat-testatur milli ghall-kliem:–*

*“i testamenti si debbono interpretare non secondo il senso letterale delle parole ma secondo il loro intrinsico contesto.” (Vol. XXVII p.II p.58).*

*“d) Jinsab in effetti enuncjat il-principju illi*

*“trattandosi di un atto di ultima volontà l’attenzione viene sempre richiamata a due indagini, cioè quanto al potere legittimo del disponente, e alla sua volontà, onde non contrasta la prima, la quistione si riduce e si concentra alla sua volontà dominante dei disponenti, conseguemente una severa ed accurata ricerca, a potere conchludere che cosa i disponenti abbiano inteso e voluto.” (Vol. X p. 457).”*

*“Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Galea vs Gauci (31 ta’ Mejju 2002) enfasizzat finalment:*

*“l-ezercizzju li effettivament irid jigi kondott mill-Qorti bhala parti minn din it-tfittxija tal-volontà vera tat-testatur m’ghandu qatt isir b’mod li l-fatti cirkostanzjali jew konkomitanti rigwardanti t-testatur jithallew jippredominaw kwazi ghal kollox fuq dak li jkun jinsab imnizzel fit-testment.”*

*“Huwa ritenut inoltre illi:*

"*meta l-legat ghandux jigi ammess jew eskluz l-interpretazzjoni ghandha tkun favur il-legatarju, izda meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat, l-interpretazzjoni ghandha tkun favur l-eredi" - "Carmelo Said et -vs- Nutar Dr. Giuseppe Cauchi", Appell Civili, 20 ta' Ottubru 1958; "Giovanna Carabott -vs- Generoso Carabott et", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Novembru 1947*.”

*“Applikati dawn il-principji ghall-vertenza in ezami din il-Qorti xorta wahda ma tistax tinjora c-cirkostanzi u fattispecie tas-sitwazzjoni partikolari tat-testment missier il-kontendenti u meqjusa dettaljament l-istess, din il-Qorti ma tistax tasal biex ragonevolment taccetta t-tezi tal-intimat li missieru ried ihalli lilu bi prelegat il-proprjetà fit-totalità taghha. Il-Qorti waslet ghal din il-fehma wara li qieset specifikament is-segwenti:*

*“Bernadette Gatt tixhed hekk:*

“*Dwar il-wirt tieghu missieri gieli kien jesprimi ruhu fuqu sija maghna uliedu u sija anke ma’ hutu u anke ma’ martu stess. Hu kien jghid li kien ihossu li ghandu problema ghax id-dar tant kienet kbira u kellha valur*

> *konsiderevoli bil-gnien maghha li kien ihoosu li ma kienx fair li ghandha titgawda minghand wiehed mill-ulied biss. Ahna konna qeghdin erba ahwa u allura staq jara kif jaghmel biex lil Alessandro jaghtih nofs u n-nofs l-iehor jinqasam bejn l-erbgha. Meta kien jghidli hekk jiena kont nirrispondieh li ghandu ragun ghaliex din id-dar ma hijiex ta' daqstant valur illi jehodha bniedem wahdu. Hu kien jirrispondini "hekk hu mela din xi mezzanin?" Il-mamà kienaet taghmel xi oggezzjoni dwar dan il-hsieb tal-papà ghaliex kienet tghidlu illi speci ta la Alessandro baqa' maghha speci kellu jgawdiha hu. Izda l-papà kien dejjm jikkustinja ma' ommna fuq dan il-punt ghaliex kien jghid illi veru illi Alessandro ghadu hemmhekk imma t-tfal l-ohra konna hrigna u hdimna ghall-post fejn qeghdin filwaqt illi Alessandro kien sab kollox lest u baqa' komdu u allura ma kienx fair illi jaghtih d-dar kollha.*"

*"Christine Scerri xehdet hekk:*

> "*Dwar il-kwistjoni tal-wirt tal-papà u dak li qalet ohti Bernardette fil-para. 13 l-quddiem tal-affidavit taghha, nixtieq nghid li l-papà anke mieghi gieli semma l-kwistjoni dwar il-wirt tieghu. Fil-fatt kien jistaqsini l-opinjoni tieghi dwar kif hu kien ser jaqsam id-dar bejnietna u kien isaqsini x'nahseb dwarha. Jien kont nghidlu lil missieri "inti tifhem izjed minni bhala kuntrattur tal-bini", u allura kien jghidli "issa naraw mela". Jiena kont nghidlu lil missieri biex sempliciment joqghod attent sabiex ma jaghmilx preferenzi bejn l-ahwa. Meta kont nghidlu hekk hu kien jghidli biex ma nhabbel rasi xejn ghaliex erbat itfal kellu u mhux wiehed. Dan id-diskors kien ikun ta' spiss u anke bic-cajt missieri lili kien isaqsini liema naha rrid tad-dar, jekk hux tax-xellug jew dik il-parti tal-lemin jew parti ohra u jiena kont nispicca nidhak. Dan it-tip ta' cajt kien jaghmlu anke ma huti l-ohra inkluz hija Martin u anke ma l-istess hija Alessandro. Fil-fatt f'dan it-tip ta' cajt kien jispicca per ezempju li hija Martin kien jghidlu dik in-naha partikolari, per ezempju n-naha tal-bir jew inkella xi hadd iehor kien jghid in-naha tal-hamiem ecc.*"

*"Il-missier kien konsapevoli tal-valur tal-proprjetà, ghaliex kien hu stess negozjant tal-proprjetà. Kien jaf li d-dar ghandha valur konsiderevoli.*

*"Meta l-missier kien ga separat minn ma' omm il-kontendenti huwa kien irregistra r-residenza tieghu fuq il-karta tal-identità bhala "Romeo", Sqaq it-Tigieg, tant kien iqisu bhala fond separat.*

*"Meta l-missier kien ittenta jizviluppa l-proprjetà, huwa ghamel hekk biss in relazzjoni mal-ambjenti ta' wara li jaghti ghall-fuq l-isqaq u mhux ghall-proprjetà fl-intier tieghu.*

*"Finalment, id-diskrepanza fil-valuri hija konsiderevoli. In fatti, l-Perit Abela inkarigat ghal dan l-iskop mill-Qorti invaluta l-proprjetà kollha (id-dar, il-gnien u l-ambjenti sal-isqaq ta' wara) fl-ammont ta' €650,000 mentri d-dar il-kbira wahedha sal-recint tal-hadid fl-ammont (€475,000). Din il-Qorti ma ssibx ragonevoli li fis-stiwazzjoni familjari ezistenti bejn it-testatur u uliedu, dan kien ser jibbenefika lil ibnu fuq hutu b'dan il-mod eccessiv. Il-Qorti terga' tirreferi fil-kuntest ghax xhieda fuq citata ta' Bernardette Gatt liema xhieda ma giet kontradetta b'ebda mod."*

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Alessandro sive Sandro Cassano, li permezz tieghu jitlob lil din il-Qorti sabiex thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-appellant, tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

7. Rat li minkejja li l-atturi appellati u l-konvenut l-iehor, Martin Cassano, kienu debitament notifikati bir-rikors tal-appell, hadd minnhom ma ressaq risposta.

8. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tal-15 ta' Gunju, 2021;

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

10. Illi din il-kawza giet imressqa da parti tal-atturi sabiex tinghata interpretazzjoni ta' dispozizzjoni testamentarja li permezz taghha t-testatur Alfred Cassano, missier il-kontendenti fil-kawza, halla prelegat favur il-konvenut Alessandro Cassano, tad-dar li ggib in-numri 81 u 82 fi Triq San Giljan, Birkirkara, bl-obbligu li jhallas lil kull wiehed mit-tliet hutu s-somma ta' Lm17,000, (illum €39,599.35) bhala prelegat. Il-kwezit li jrid

jigi ndirizzat huwa jekk il-fond li jgib l-isem “Romeo” f’Misrah it-Tigieg, f’Birkirkara hux inkluz fil-prelegat imholli lill-konvenut Alessandro Cassano, jew f’kaz li mhuwiex, allura sehem il-missier ta’ nofs indiviz ta’ dan l-ahhar imsemmi fond, jiddevolvi fuq il-kontendenti fil-kawza, bhala eredi universali ta’ missierhom skont l-istess testment, fis-sehem ta’ kwart indiviz kull wiehed.

11. L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici peress li qieset li l-prelegat imholli minn Alfred Cassano, lill-konvenut Alessandro Cassano bit-tieni artikolu tat-testment datat 26 t’Awwissu, 2003, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, ma jinkludix il-fond “Romeo” f’Misrah it-Tigieg f’Birkirkara. Kwindi dan il-fond iddevolva fis-sehem ta’ kwart indiviz tan-nofs indiviz (peress li n-nofs indiviz l-iehor kien jappartjeni lil omm il-kontendenti fil-kawza) lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti fil-kawza.

12. Il-konvenut Alessandro Cassano hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. L-appell tieghu jissejjes fuq zewg aggravji: (i) l-ewwel Qorti ma qieset xejn il-provi tal-konvenut; u (ii) l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tad-dizpozizzjoni testamentarja tal-prelegat in kwistjoni.

13. Fl-ewwel aggravju, l-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel Qorti llimitat ir-referenzi taghha ghall-provi attrici, senjatament ix-xhieda ta’

Bernardette Gatt u Christine Scerri, u ma saret l-ebda referenza ghall-provi mressqa mill-konvenut, fosthom il-kuntratti esebiti u x-xhieda mressqa minnu. L-ewwel Qorti kien imissha tevalwa dawk il-provi u f'kaz li ma jinstabux konvincenti, taghti r-ragunament jew motivazzjoni ghala ma nstabux konvincenti u mhux taghmel asserzjonijiet mehuda mill-provi tal-atturi, minghajr ebda spjegazzjoni jew gustifikazzjoni. Mentri l-qorti hija obbligata tikkunsidra x-xhieda taz-zewg partijiet fil-kawza.

14. Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ewwel aggravju tal-appellant. Il-fatt li l-ewwel Qorti siltet mill-provi in atti dawk il-provi li dehrilha li fuqhom kellha sserrah il-gudizzju taghha, ma jfissirx li ma qisetx il-provi mressqa mill-konvenut appellant. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tal-10 ta' Jannar, 2007, fil-kawza fl-ismijiet ***Carmen Lia v. Anthony Coreschi***:

> *"Fil-kumpless, is-sentenza tipprovdi kwadru ta' dawk l-elementi sostanzjali li fuqhom il-Bord ibbaza l-konvinciment tieghu u ta' l-iter minnu segwit fl-apprezzament tal-provi biex wasal ghal konkluzjoni proprja. Kien* ***certament jirrientra fis-setgha diskrezzjonali tal-Bord dwar l-apprezzament tal-provi illi huwa jifforma gudizzju fuq l-attendibilita` u kredibilita` ta' certa xhieda invece ta' ohrajn jew li jiddetermina, fid-diskrezzjoni gudizzjarja tieghu, illi l-provi ta' l-appellanti kellhom jitqiesu insodisfacenti jew inattendibbli****. Kif taraha din il-Qorti, il-Bord ha gharfien ta' l-elementi kollha tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra.* ***Jekk, imbaghad, hu deherlu li kellu jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu sors ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra dan ma jfisserx illi ghaldaqshekk huwa okkupa ruhu minn provi parzjali biss.*** *Hi, anzi, il-fehma ta' din il-Qorti illi huwa l-istess appellanti li bl-appell tieghu qed jinsisti fuq certi provi, jaghtihom ri-elaborazzjoni personali tieghu fit-tentattiv li b' hekk jikkontrapponi l-valutazzjoni proprja ghall-parti razzjonali tas-sentenza. Taht dan il-profil din il-Qorti ma ssibx li tista' ticcensura lill-Bord li dan ma ghamelx gudizzju sew u serju tal-provi;"*

(enfasi ta' din il-Qorti).

15. Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, u kif inghad drabi ohra, huwa ritenut li l-fatt li l-gudikant li jiddeciedi l-kawza, juza d-diskrezzjoni tieghu sabiex mill-provi in atti, jqis dawk il-provi l-aktar attendibbli u idoneji li jwasslu ghall-konvinciment tieghu, huwa parti mill-uzu ta' diskrezzjoni li bih huwa moghni. Fl-ezercizzju ta' din is-setgha l-gudikant jista' jaccetta x-xhieda ta' xi whud u jwarrab jew jiskarta ohrajn u jsejjes il-gudizzju tieghu fuq certu provi, aktar milli ohra. Dan huwa l-ezercizzju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Dik il-valutazzjoni mwettqa minn gudikant tal-ewwel grad hija insindakabbli, sakemm tkun wahda ragonevoli u motivata sa fejn mibnija fuq provi rizultanti mill-process. Izda din il-Qorti ghandha s-setgha li tikkoregi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun zbaljat u tkun qieghda tabdika mir-responsabbilita` taghha jekk bhala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli taghmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Isegwi li huwa mehtieg li din il-Qorti tidhol fil-qofol tal-mertu tat-tieni aggravju sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha.

16. Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, li fih l-appellant, filwaqt li jaghmel referenza ghat-tieni artikolu tat-testment ta' Alfred Cassano fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, jilmenta li b'referenza ghall-massima li l-kliem huwa car u ma kien hemm lok ghal ebda interpretazzjoni, fis-sens li l-prelegat kellu jikkomprendi d-dar minghajr ebda distinzjoni jew eskluzjoni u li l-oneru kien fuq l-atturi sabiex juru ghaliex m'ghandux

japplika s-sens ordinarju u naturali fil-kuntest. Dan apparti fatturi ohra li ghandhom jitqiesu, fosthom ic-certifikat tat-titolu esebit mal-affidavit tal-konvenut appellant, id-dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' missierhom, li saret fil-11 ta' Marzu, 2005, fejn gie ddikjarat minghajr kwalifika jew rizerva li n-nofs indiviz tal-fond 81 u 82 Triq San Giljan, Birkirkara, thalla bi prelegat lill-konvenut appellant, bl-obbligi kollha mieghu marbuta, tant li huwa hallas it-taxxa fuq l-istess immobbli. Hekk ukoll, kemm mill-kuntratt t'akkwist ta' Alfred Cassano fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Gatt, tal-4 ta' Gunju, 1957, meta xtara l-proprjeta` in kwistjoni, kif ukoll mill-kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tas-27 ta' Frar, 1996, fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, huwa evidenti li l-fondi kienu meqjusa bhala wiehed, minghajr distinzjoni jew segregazzjoni.

17. L-appellant jaghmel referenza ghax-xhieda tieghu, tal-perit Johann Farrugia u tal-gar David Portelli, sabiex jishaq li l-gnien ta' wara d-dar huwa parti integrali mid-dar, li l-appellant stess kien juza l-garaxxijiet fuq in-naha ta' wara u li sa minn dejjem kien hemm ezistenti grada jew kancell li kien jissepara l-parti ta' wara mill-bqija tal-fond u mhux hajt, tant li kien hemm access liberu bejn il-garaxxijiet u l-gnien. L-istess attrici Bernardette Gatt kienet accettat li missierhom kien xtara proprjeta` wahda. Il-fond "Romeo" huwa garaxx fejn l-appellant izomm il-karozza tieghu, izda l-fatt li missierhom Alfred Cassano kien ghamel il-karta tal-

identita` fuq dan il-fond, m'ghandux jigi nterpretat la favur u lanqas kontra ta' dak li kellu jigi nkluz fil-legat, ghaliex il-proprjeta` tibqa' fil-konsistenza taghha li hi, kif indikat fil-pjanti u d-dokumenti ppreparati mill-perit tekniku. Anzi minn qari tar-relazzjoni peritali jirrizulta li hemm passagg centrali kontinwu li jghaddi kemm mill-gnien u jwassal ghal hdejn il-garaxxijiet, li jixhed il-kontinwita` tal-ambjenti. L-hekk imsejjah fond bl-isem ta' "Romeo" jikkonsisti f'zewg garaxxijiet li jaghtu fuq Sqaq, illum Misrah it-Tigieg, li mhuwiex abitabbli, tant li l-permess ghall-izvilupp mahrug mill-Awtorita` ghall-Ippjanar, fuq naha hareg bhala "*one car garage*" u fuq in-naha l-ohra *"use for tools of the garden"*.

18. Kwindi l-appellant jishaq li l-atturi appellati ma rnexxielhomx jippruvaw fuq bilanc ta' probabiltajiet, jew inisslu dik il-certezza f'mohh il-gudikant, li dawn il-garaxxijiet huma distakkati b'tali mod li huma eskluzi mill-bqija tal-proprjeta`. Ma tressaq l-ebda kuntratt li jixhed is-segregazzjoni tal-garaxxijiet mill-bqija tal-proprjeta`, li ilha fil-pussess tieghu sa minn meta zzewweg, ma tirrizulta l-ebda prova inkontrovertibbli (kif kien jinkombi fuq l-atturi) li missier il-kontendenti fired il-proprjetajiet b'mod legali, tant li l-access baqa' dejjem miftuh. Anzi jirrizulta li l-fond dejjem kien *quid unum*, li jestendi minn Triq San Giljan sa' Misrah it-Tigieg fuq in-naha l-ohra tad-dar. Dawn huwa kollha punti li jinghad mill-appellant ma gewx ikkonsidrati mill-ewwel Qorti.

19. Ma jidhirx li jinsab kontestat bejn il-kontendenti fil-kawza li, l-fond li jgib in-numri 81 u 82, Triq San Giljan, Birkirkara, flimkien mal-gnien retrostanti li kellu access ukoll minn Sqaq it-Tigieg, f'Birkirkara, kien originarjament mixtri minn missier il-kontendenti fil-kawza bhala fond wiehed, li fuq in-naha ta' wara tal-gnien kien hemm grada wkoll tal-hadid, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti in atti, kif ukoll originarjament kien hemm xi kmamar ghall-ghodda fuq in-naha ta' wara tal-fond. Eventwalment tressqet applikazzjoni quddiem l-Awtorita` ghall-Ippjanar sabiex jitnehhew l-istrutturi perikolanti fuq in-naha ta' wara u jinbnew mill-gdid da parti ta' missier il-kontendenti fil-kawza (ara fol.98 sa 104 tal-process).

20. In kwantu ghat-Tieni Artikolu tat-testment t'Alfred Cassano tas-26 t'Awwissu, 2003, fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel, dan jipprovdi kif gej:

> *"It-testatur ihalli b'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprjetà lil ibnu Alessandro Cassano bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedu* ***kwalunkwe sehem li huwa (cioè t-testatur) ikun jippossjedi f'jum mewtu, anke jekk dan ikun l-intier, mid-dar Birkirkara, Saint Julian's Street numru wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82)*** *bl-obbligu però fl-imsemmi prelegatarju li fi zmien hames snin mill-mewt tal-istess testatur, ihallas lil kull wiehed u wahda mit-tlett hutu s-somma ta' sbatax-il elf lira (Lm17,000) ghal darba wahda, liema somma ta' sbatax-il elf lira (Lm17,000) l-istess testatur qieghed ihalli b'titolu ta' prelegat in piena proprjetà lil kull wiehed u wahda mit-tliet (3) uliedu l-ohra li jisimhom Bernardette mart Vincent Gatt, Christine mart Albert Scerri u Martin ahwa Cassano, bis-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi uliedhom."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, minn qari semplici ta' dan l-artikolu tat-testment in ezami, qajla jista' jinghad li huwa car li ghandu jittiehed li l-fond fuq it-tarf l-iehor huwa nkluz fil-legat in ezami, kif jippretendi l-appellant.

21. Anzi, meta din il-Qorti tqis il-kliem li gie adoperat fil-kuntratt t'akkwist meta d-decujus akkwista l-istess proprjeta` fl-4 ta' Gunju,1967, fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt, jirrizulta li jinghad li:

> *"…Alfred Cassano li jaccetta u jixtri d-dar, il-garaxx u gnien retropost, f'Birkirkara, St' Julian's Street, numru sebghin u wiehed u sebghin, b'bieb fil-gnien fuq Sqaq it-Tigieg."*

Ma tantx jista' jinghad li d-deskrizzjoni fiz-zewg kuntratti hija uniformi, peress li filwaqt li fil-kuntratt t'akkwist jinghata certu dettall dwar l-estent ta' proprjeta` nkluza fil-bejgh, mhux l-istess jista' jinghad li jirrizulta mid-dizpozizzjoni testamentarja.

22. Min-naha l-ohra, ghalkemm huwa minnu li permezz tal-kuntratt tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-komparenti assenjaw lil xulxin in piena proprjeta` "*in-nofs indiviz tad-dar Birkirkara, Saint Julian's Street, numri wiehed u tmenin (81) u tnejn u tmenin (82)*", wiehed ma jistax jinjora l-fatt li dak iz-zmien li sar dak il-kuntratt fl-1996, id-decujus kien jghix f'postijiet differenti separatament minn fejn kienet tghix il-familja tieghu. Mill-atti jirrizulta fic-cert li missier il-kontendenti fil-kawza kien jghix fil-fond numru 14, Triq Santa Maria, Had-Dingli, tal-inqas sa' April, tas-sena 2003, mentri mill-applikazzjoni maghmula mid-decujus mal-ufficcju

elettorali fl-20 ta' Gunju, 2003, jirrizulta li Alfred Cassano applika sabiex jinfurmahom li huwa mar joqghod f'"Romeo", Misrah it-Tigieg, Birkirkara (ara xhieda t'Emerenzjana Agius u kopji esebiti minnha tar-registru elettorali u tal-applikazzjoni ghall-bidla fl-indirizz ta' fejn wiehed joqghod a fol. 61 sa 65 tal-process). Kwindi ghalkemm jista' jinghad li l-fond fid-data tal-kuntratt tad-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fl-1996, kif ukoll meta saret r-Registrazzjoni mar-Registru tal-Artijiet u l-Applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ippjanar fl-1998, (ara Dok AC 13 u Dok. AC 14 a fol. 91 u 92 tal-process, kif ukoll fol. 100) kien jitqies *quid unum,* mhux l-istess jista' jinghad minn Gunju, tas-sena 2003 'il quddiem, peress li jirrizulta li effettivament d-decujus beda jghix proprju fil-fond "Romeo", tant li l-istess testment maghmul minnu, jirrizulta li proprju sar: "*maghmul, moqri u pubblikat in segwitu ghad-debita cerzjorazzjoni skond il-ligi f'Malta, Birkirkara, Sqaq it-Tigieg, fil-fond bla numru jismu "Romeo"…".* Kwindi meta sar it-testment ta' missier il-kontendenti fil-kawza, jirrizulta ppruvat li huwa kien qieghed proprju jghix f'dan il-fond. Il-fatt li missier il-kontendenti fil-kawza kien qieghed jghix f'dan il-fond jinsab korroborat ukoll mix-xhud David Portelli.

23. Il-fatt li jhalli lil din il-Qorti perplessa huwa l-fatt li fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fil-11 ta' Marzu, 2005, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, (Dok. AC17 a fol. 94 et sequitur tal-process), li ghaliha dehru ulied id-decujus, fejn proprju jinghad li thalla lill-konvenut appellant b'titolu

ta' prelegat, sehmu ta' nofs indiviz mid-dar Birkirkara, Saint Julian's Street numri wiehed u tmenin u tnejn u tmenin (81 u 82), bl-obbligu li fi zmien hames snin mid-data tal-mewt tad-decujus ihallas lil kull wiehed minn hutu s-somma ta' Lm17,000 u li l-erbat ahwa gew nominati b'eredi universali tad-decujus. F'dak l-istadju, hadd ma qajjem il-kwistjoni tal-fond "Romeo" retrostanti id-dar in kwistjoni bhala fond separat li kellu jifforma parti mill-wirt u mhux parti mill-legat imholli lill-konvenut. Fil-fatt kien il-konvenut appellant li hallas it-taxxa fuq din il-proprjeta`, peress li l-eredi ma hallsu xejn fuq il-bqija tal-wirt. Izda din il-prova ma tixhetx dawl fuq ir-rieda tat-testatur *per se.*

24. Huwa kurjuz il-fatt li hadd mill-kontendenti fil-kawza ma ressaq lin-nutar Spiteri Maempel, li kien in-nutar tal-familja ghal numru ta' kuntratti esebiti in atti, inkluz id-dikjarazzjoni *causa mortis* u specjalment ghat-testment sabiex possibilment jixhed u jitfa' d-dawl fuq ir-rieda tat-testatur. Min-naha l-ohra, ma tqisx ir-relazzjoni guramentata da parti tal-perit Johann Farrugia daqstant relevanti sabiex jigi determinat l-estent tal-prelagat skont ix-xewqa tat-testatur. Jigi osservat ukoll li ghalkemm huwa minnu li l-atturi ma semmew xejn fid-dikjarazzjoni *causa mortis,* jibqa' l-fatt li t-talba attrici hija intiza sabiex tinghata interpretazzjoni tar-rieda tat-testatur meta permezz tat-testment tieghu tas-26 t'Awwissu, 2003, huwa halla bi prelegat id-dar 81 u 82, Saint Julian's Street, Birkirkara.

25. Din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 t'April, 2004, fil-kawza fl-ismijiet ***Maryrose Mifsud v. Avukat Dottor Joseph Bartolo***, qalet hekk:

> *"Bhala regola generali l-ligi in materja tiddisponi li "Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taht l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taht l-isem ta' legat, kemm ukoll taht kull isem iehor, ghandha effett, basta" jkompli l-Artikolu 683 tal-Kap 16 "li tkun imfissra b'mod li l-volonta` tat-testatur tista' tigi maghrufa, u ma tkunx kuntrarja ghad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici."*
>
> *Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett."*

Tabilhaqq, fejn il-kliem fit-testment huwa car, ghandha tinghata interpretazzjoni letterali. Fil-kawza ***Rose Alden proprio et nomine et v. Raphael Pace*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju, 2003, fejn inghad:

> "*Ove le parole del testamento siano per se stesse chiare, non e` lecito con prove estrinsiche restringere o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importino' - "Carmelina Mifsud et -vs- Matilde Pullicino et". 13 ta' Gunju 1888 (Vol. XI pag. 633). Fl-istess sens huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "Nutar Albert E. Micallef et -vs- Marietta Tonna", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1950 u "Farmacista George Mallia -vs- Carmela Mallia", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1957."*

Madanakollu, kif osservat ukoll mill-ewwel Qorti:

> *"Meta legat ghandux jigi ammess jew eskluz, l-interpretazzjoni ghanda tkun favur il-legatarju, izda <u>meta tkun dwar l-estensjoni jew kwantita' tal-legat l-interpretazzjoni ghanda tkun favur l-eredi</u>." (Carmelo Said et v. Nutar Dr Giuseppe Cauchi– Appell Civili - 20 t'Ottubru 1958; Giovanna Carabott v. Generoso Carabott et – Prim'Awla - 29 ta' Novembru 1947.)*

26. Kif inghad qabel, hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-dispozizzjoni testamentarja mhix cara fl-estent tal-prelegat imholli lill-konvenut, kwindi huwa mehtieg li tinghata l-interpretazzjoni taghha ta' dak li ried it-testatur. Huwa ritenut li meta t-testatur halla b'titolu ta' prelegat, id-dar 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara lill-konvenut, bl-obbligu pero` li, l-imsemmi prelegatarju jhallas lill-hutu s-somma ta' Lm17,000 lil kull wiehed mit-tliet uliedu l-ohra, hu evidenti li t-testatur ried li fir-rigward ta' dan il-fond, filwaqt li l-konvenut jircievi dan il-prelegat in natura, t-tliet ahwa l-ohra jircievu sehemhom fi flus minflok in-natura u dan jaghmel tajjeb ghalihom il-prelegatarju. F'din id-dispozizzjoni testamentarja, huwa car li dan il-prelegat mhux ta' natura remuneratorja, izda din il-Qorti tqis li t-testatur ma riedx jaghmel preferenza bejn uliedu. Kunsidrata l-istima ppreparata mill-perit tekniku appuntat mill-ewwel Qorti tal-fond intier 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara, inkluz il-gnien kollu sal-konfini ma' Sqaq it-Tigieg tal-kejl superficjali ta' 1,430 metru kwadru, fl-ammont ta' €650,000, mentri l-fond 81 u 82, fi Triq San Giljan, Birkirkara, inkluz dik il-parti sar-recint (*fence*) fuq arja ta' kejl superficjali ta' cirka 704 metru kwadru, fl-ammont ta' €475,000, tqis aktar verosimili li t-testatur ma riedx jinkludi l-parti retrostanti ta' 726 metru kwadru, li tifforma parti mill-fond "Romeo" fil-prelegat moghti lill-konvenut. Isegwi li kunsidrati l-valuri moghtija mill-perit tekniku tal-Qorti, tara aktar verosimili l-interpretazzjoni moghtija mill-atturi fil-kawza, minn dik tal-konvenut. Isegwi li ghal ragunijiet kemmxejn differenti, din il-Qorti, wara li gharblet mil-gdid il-provi kollha in atti

mressqa mill-kontendenti fil-kawza, tasal ghall-istess konkluzjonijiet bhall-Qorti ta' qabilha u ghalhekk ma tarax raguni valida ghala tvarja s-sentenza appellata.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mil-konvenut appellant, billi filwaqt li tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih.  Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |
|---|---|---|

Deputat Registratur
da